**Qorti Tal-Maġistrati Malta**

**Bħala Qorti ta`Ġudikatura Kriminali**

**Maġistrat**

Dr. VICTOR GEORGE AXIAK

**Seduta tad- Distrett Zejtun (5Z)**
**Referenza tal-Każ: D5Z-00123-2019-9**
**Il-Pulizija(Spettur TREVOR VICTOR MICALLEF)**

**Vs**
**Paul Borg 150562M**

Illum, 30 ta' Jannar 2020

Il-Qorti,

Rat li Paul Borg ta 57 sena, bin JOSEPH u CARMELINA xebba GALEA imwieled gewwa MALTA nhar 09 ta` Frar 1962 u residenti fil fond 73, Triq San Gorg, SANTA VENERA u detentur tal-karta tal-identita` bin-numru 150562M.

Rat l-akkużi hawn taħt indikati u cioe' talli nhar it-8/9/2019 ghal habta ta' 18.40 hrs:

[1] ikkagunajt biza li ser tuza vjolenza kontra SANDRA BORG jew kontra l-proprjeta' taghha jew kontra l-persuna jew il-proprjeta' ta' xi hadd mill-axxendenti jew dixxendenti ta' l-imsemmija persuna, ahwa subien jew bniet jew xi persuna msemmija fl-artikolu 222(1) (KAP 9 Artiklu 251B(1))

[2] insulentajt jew heddidt lil SANDRA BORG jew jekk kont provokat, ingurjajt b'mod li hrigt mill-limitu tal-provokazzjoni (KAP 9 Artiklu 339(1)(e))

Rat li l-Qorti giet mitluba biex tipprovdi ghas-sigurta tal-persuna ta' SANDRA BORG jew sabiex tinzamm il-bon ordni pubbliku skond il-provedimenti tal-Art. 383 Kap. 9 tal-Kodici Kriminali.

**Ikkunsidrat**

Illi l-Qorti rat l-affidavit ta' PC 206 M. Barbara u semghet ix-xhiedha ta' Sandra Borg moghtija llum.

Illi jirrizulta illi l-imputat u l-*parte civile* jinsabu ghaddejin minn proceduri ta' separazzjoni personali. Fil-passat l-imputat diga kien instab hati minn din il-Qorti illi hebb ghall-*parte civile* u kkagunala griehi ta' natura hafifa kif ukoll li nsulentha u heddidha. *Di piu* il-Qorti kienet fl-1 ta' Dicembru 2017 flimkien mal-piena rabtet lill-imputat b'obbligazzjoni tieghu nnifsu taht penali tas-somma ta' tmien mitt euro illi jzomm il-bon ordni pubbliku u ma' jergax jaghmel xi haga kontra s-sigurta tal-*parte civile*.

Illi mix-xhiedha tal-*parte civile* kemm hi u kemm it-tifla kienu ilhom sajf shih jibzghu mill-imputat li ser jaghmilhom xi haga.

Illi jidher illi nhar it-8 ta' Settembru 2019 ghall-habta ta' 18.40hrs l-imputat (li jghix gewwa Santa Venera) ghadda bil-vettura tieghu minn Triq il-Madonna tal-Hniena, iz-Zejtun, vicin fejn jghixu l-*parte civile* u bintha, waqaf hdejha vicin ferm taghha u qallha "liba" u baqa sejjer. Ftit sekondi wara waqt li l-*parte civile* kienet fl-istess triq qeghda taqsam l-imputat dawwar il-vettura tieghu, reggha waqaf hdejha u kellu bastun u beda jhares lejh u lejha u wara ftit baqa sejjer.

Illi fir-rigward tal-ewwel akkuza, kif sew argumenta l-abbli avukat tad-difiza l-ligi tirrikjedi "*a course of conduct*" (fit-test Malti tintuza l-kelma mhux daqstant felici "l-imgieba") u mhux sempliciment att wiehed izolat.

Illi dan il-*course of conduct* jista' jkun f'ġurnata waħda u mhux bilfors irid ikun mifrux fuq tal ta' żmien. Anzi, jekk l-azzjonijiet ikunu qrib xulxin, aktar jista' wieħed jinstab ħati taħt dan l-artikolu tal-liġi.

Illi fil-fehma tal-Qorti jissussti dan il-*course of conduct* peress illi kien hemm zewg attijiet separati, ftit sekondi 'l boghod minn xulxin, konsistenti f'agir li qajjem biza fil-*parte civile* illi ser tintuza vjolenza kontrija.

Illi fir-rigward ta' piena, il-Qorti ma' tistax ma' tissenjalax illi l-agir tal-imputat huwa wiehed ta' stmerrija u ghandu jigi meqjus ta' natura serja mhux l-anqas ghaliex qeghdin nghixu fi zminijiet fejn il-vjolenza, morali u fizika, kontra l-mara qeghda kull ma' tmur dejjem tizdied, b'konsegwenzi koroh fuq il-fibra morali tal-istess socjeta'. Il-Qorti pero thoss illi ghal din id-darba biss ghandha tapplika l-provvedimenti tal-Art. 28A tal-istess Kap. 9 sabiex tissospendi s-sentenza karcerarja li sejra timponi.

Illi fir-rigward tat-tieni akkuza, mill-atti jidher li l-imputat gie notifikat bic-citazzjoni fis-16 ta’ Jannar 2020. Din l-akkuza hija kontravenzjonali u ghaldaqstant stante illi l-allegat reat sehh fit-8 ta’ Settembru 2019 din hija milquta bil-preskrizzjoni ta` tlett (3) xhur.

**Decide**

**Ghaldaqstant il-Qorti wara li rat l-akkuzi u l-ligi (Kap. 9, Art. 251B(1), Art. 339(1)(e)) tiddikjara t-tieni akkuza preskritta filwaqt li ssib l-imputat hati tal-ewwel akkuza u tikkundannah ghal piena karcerarja ta’ tlett (3) xhur liema piena pero qeghda tigi sospiza ghal perjodu ta’ sentejn bl-applikazzjoni tal- Art. 28A tal-Kap. 9. Il-Qorti spjegat lill-hati bi kliem ċar ir-responsabbilità tiegħu taħt l-artikolu 28B tal-Kap. 9 tal-Ligijiet ta’ Malta jekk huwa jikkommetti matul il-perijodu operattiv reat li għalih hemm piena ta’ priġunerija. Il-Qorti qeghda ukoll *ex-officio* tohrog Ordni ta’ Protezzjoni taht l-Artikolu 412C tal-Kap. 9 kontra l-imputat a favur SANDRA BORG ghall-perjodu ta’ erba’ (4) snin taht il-kundizzjonijiet elenkati fl-istess Ordni illi ghandha taghmel parti minn din is-sentenza. Il-Qorti finalment spjegat lill-hati bi kliem ċar ir-responsabbilità tiegħu taħt l-artikolu 412C(11) tal-Kap. 9 tal-Ligijiet ta’ Malta jekk matul il-perjodu operattiv tal-Ordni mingħajr skuża raġonevoli huwa jikser xi projbizzjoni jew restrizzjoni imposta fuqu taht l-Ordni msemmija.**

**Dr. VICTOR GEORGE AXIAK**
**Maġistrat**

**Yesenia Maria Pace**
**Deputat Reġistratur**